MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-30 ta' April, 2009

Appell Civili Numru. 2087/1999/1

**Carmelo Monaco**

**v.**

**SM (Cables) Limited u Noel Micallef**

**Il-Qorti:**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat mill-attur li tghid hekk:

“Peress illi fit-22 ta’ Ottubru 1998, l-attur, li kien *production Manager* impjegat mad-ditta konvenuta SM Cables Limited, zelaq u waqa’ fil-kors tax-xoghol tieghu fil-fabbrika tal-istess ditta konvenuta, fuq *grease*, li kien

thalla fl-art, ad insaputa tieghu mill-konvenut Micallef, u fl-istess waqa' sofra ksur tar-*radius* tax-xellug;

"Peress li ghal din il-waqa' u dan il-korriment kienu responsabbli l-konvenuti, il-konvenuta ditta SM Cables ghaliex ma haditx hsieb li l-post tax-xoghol li fih, l-attur, impjegat taghha, kellu jahdem, ma kienx nieqes mill-perikoli ghall-inkolumita` tal-haddiema, u ghax halliet lill-konvenut l-iehor Micallef jaghmel xoghol fil-fabbrika taghha minghajr ma hadet hsieb li jsir tindif wara dan ix-xoghol, u l-iehor, il-konvenut Micallef ghaliex wara li ghamel xoghol fil-fabbrika, li ma kienx dak soltu, naqqas milli jnaddaf u halla ghalhekk *grease* mal-art b'perikolu ghall-haddiema;

"Peress illi bhala segwitu` tal-istess korriment l-attur sofra danni, u ghad ikompli jsofri danni, konsistenti fl-ispejjez ta' ezami, kura medika u ta' fisjoterapija, kif ukoll f'telf ta' qliegh minn xoghol, u billi hemm prospett li l-attur qatt ma jerga jigi fl-istat fisiku ta' qabel, anke danni futuri konsistenti f'telf ta' qliegh minhabba l-menomazzjoni;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex: -

"(1) ma ghandux jigi deciz u dikjarat illi ghall-incident imsemmi u konsegwenti korriment u danni sofferti mill-attur, huma kienu unikament responsabbli;

"(2) ma ghandhomx jigu likwidati d-danni li sofra u ghad isofri l-attur bhala konsegwenza tal-istess incident u korriment;

"(3) ma ghandhomx jigu kundannati jhallsu lill-attur, in solidum bejniethom, is-somma ta' danni hekk likwidata;

"Bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenuti li gew ngunati ghas-subizzjoni;"

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta (fol. 10) li in forza taghha eccepiet illi;

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez stante li s-socjeta` eccipjenti m’ghandha l-ebda responsabbilta` ghall-incident *de quo* ghal-liema incident kien unikament responsabbli l-istess attur;

“2. Illi ghalhekk m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tas-socjeta` eccipjenti;

“3. Illi konsegwentement l-eccipjenti m’ghandhiex tigi kkundannata thallas l-ebda ammont;

“4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur, gja` thallas ta’ dak minnu allegatament soffert;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Noel Micallef (fol. 13) li in forza taghha eccepixxa illi;

“1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez stante li l-eccipjenti m’ghandhu l-ebda responsabbilta` ghall-incident *de quo* ghal-liema incident kien unikament responsabbli l-istess attur;

“2. Illi ghalhekk m’hemmx danni x’jigu likwidati fil-konfront tal-eccipjenti;

“3. Illi konsegwentement l-eccipjenti m’ghandhux jigi kkundannat ihallas l-ebda ammont;

“4. Illi fi kwalunkwe kaz u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur, gja` thallas ta’ dak minnu allegatament soffert;

“5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta’ Frar, 2007, li in forza taghha, wara li laqghet l-

eccezzjonijiet tal-konvenuti, cahdet it-talbiet kollha attrici, bl-ispejjez kontra l-attur;

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet;

"Fic-citazzjoni l-attur, li kien *production Manager* mas-socjeta` konvenuta, jaghamel referenza ghall-incident li sehh fit-22 ta' Ottubru 1998 meta waqt il-hin tax-xoghol tieghu huwa zelaq u waqa' fil-fabbrika tal-istess socjeta` konvenuta fuq *grease*, li kien thalla fl-art mill-konvenut l-iehor Micallef. Huwa sofra ksur tar-*radius* tax-xellug. L-attur jippretendi li l-konvenuti kienu responsabbli ghall-imsemmi incident u korriment konsegwenzjali u dana ghaliex is-socjeta` konvenuta ma haditx hsieb li l-post tax-xoghol ikun nieqes mill-perikoli ghall-inkolumita` tal-haddiema, u ghaliex halliet lill-konvenut l-iehor Micallef jaghmel xoghol fil-fabbrika taghha minghajr ma hadet hsieb li jsir tindif wara dan ix-xoghol. Il-konvenut Micallef hu responsabbli ghaliex wara li ghamel xoghol fil-fabbrika, naqqas milli jnaddaf u halla ghalhekk *grease* mal-art b'perikolu ghall-haddiema. L-attur jippremetti ukoll li huwa sofra danni u ghad jista jsofri danni minhaba dan l-incident;

"Ghalhekk l-attur talab li jigi dikjarat li ghall-incident imsemmi u konsegwenti korriment u danni sofferti mill-attur il-konvenuti kienu unikament responsabbli. Qed jitlob ukoll li jigu likwidati dawn id-danni u li l-konvenuti jigu kundannati jhallsu lill-attur, in solidum bejniethom, is-somma hekk likwidata;

"Is-socjeta` konvenuta u l-konvenut Micallef issottomettew l-istess eccezzjonijiet. Huma eccipew li m'ghandhom l-ebda responsabbilta` ghall-incident *de quo* ghal-liema incident kien unikament responsabbli l-istess attur. Huma eccipew ukoll li ghalhekk m'hemmx danni x'jigu likwidati u konsegwentement m'ghandhomx jigu kundannati jhallsu l-ebda ammont.  Huma eccipew ukoll li fi kwalunkwe kaz l-attur gia` thallas ta' dak minnu allegatament soffert;

“Fil-kors ta’ dawn il-proceduri gie nominat bhala espert mediku t-tabib Mr. Charles Grixti bil-fakultajiet kollha soliti. L-abbli espert mediku pprezenta r-rapport tieghu fejn ikkonkluda li bhala kawza tal-incident in kwistjoni l-attur sofra dizabilita` permanenti tat-tlieta fil-mija (3%);

“Ghandu jinghad mill-ewwel li l-attur ma rnexxilux jipprova b’mod sufficjenti li l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli tal-incident in kwistjoni;

“Meta l-attur xehed f’dawn il-proceduri huwa kkonferma li fit-22 ta’ Ottubru 1998 wegga’ fuq ix-xoghol. Huwa jghid li zelaq u waqa’ hazin. Huwa jghid ukoll li l-kawza li waqa’ kienet li l-konvenut Noel Micallef, li kien qed jaghmel xi xoghlijiet mhux konnessi mal-fabbrika u cioe` kien qed iholl xi viti, inehhi s-sadid u jaghmel il-*grease*, kien waqqa’, minghajr ma nduna, xi materjal ma’ l-art, li kkawzaw l-imsemmi incident. L-attur ma jaghtix rendikont car ta’ kif effettivament gara l-incident u lanqas ma jaghti redikont car ta’ dak li kien qed jghamel il-konvenut Noel Micallef u ta’ dak li ghamel l-istess konvenut biex ikkawza l-incident in kwistjoni;

“Jigi rilevat li kienet ir-responsabbilita` tal-istess attur li jqassam ix-xoghol bejn il-haddiema u ghalhekk kien hu li kellu jghid lill-istess konvenut Micallef ix-xoghol li kellu jghamel. L-attur stess jghid li l-istess Micallef kellu jobdi l-ordnijiet li kien itih l-istess attur. L-attur stess jghid li fl-art kien jaqa’ materjal, cioe` bocci zghar tal-PVC u dan kien jaghmel l-art perikoluza anki meta wiehed jilbes is-*safety shoes*. Ghalhekk ma jistax jigi eskluz li l-incident gie kkawzat minn dan il-materjal. Inoltre kien ikun hemm mal-art ukoll kwantita` ta’ *talcum powder*, li ukoll seta’ rrenda l-art tizloq;

“L-attur stess jghid li fil-hin in kwistjoni huwa kien qed jahdem fuq mhux inqas minn erba’ (4) magni u kien gej u sejjer minn wahda ghall-ohra. F’daqqa wahda nduna li wahda mill-magni ntfiet u mar jigri ghal fuq din il-magna. L-incident ghalhekk seta’ sehh minhabba l’ghagla u minhabba n-nuqqas ta’ attenzjoni da parti tal-istess attur;

“Inoltre l-attur ma kienx konsistenti f’dak li qal u waqa’ wkoll f’certi kontradizzjonijiet. Di fatti fil-kontro-ezami biss l-attur kien zgur li kien hemm *grease* mal-art. L-attur xehed in kontro-ezami ghall-ahhar ta’ dawn il-proceduri. In effett fil-kontro-ezami l-attur jaghti l-impressjoni li huwa addatta r-rakkont tieghu skond dak li qalu x-xhieda l-ohra kollha u skond dak li kien qed jirrizulta. In effett l-attur l-ewwel jghid li huwa kien jaghti l-istruzzjonijiet tax-xoghol lill-konvenut Micallef, pero` fil-kontro-ezami jghid li ma kienx jistruwixxi l-konvenut peress li dan ma kienx haddiem tal-fabbrika. Fil-kontro-ezami l-attur ukoll jirrakkonta ghal-ewwel darba li huwa qal lill-konvenut Micallef biex ma jkomplix jaghmel ix-xoghol li kien qed jghamel pero` dan ma obdix u ghalhekk l-attur mar biex jilmenta max-xhud Edwin Zammit. B’kumbinazzjoni pero` l-attur lil Zammit ma sabux;

“Hu minnu li x-xhud Andrea Zammit, li fiz-zmien in kwistjoni kien jahdem fil-fabbrika tas-socjeta konvenuta bhala *machine opertor*, qal li l-konvenut Noel Micallef fil-hin tal-incident kien qed jaghmel xoghol li ma kienx konness mal-fabbrika. Dan ix-xhud pero` jsemmi li Micallef kien halla jigru mal-art ftit skorfini u *washers* u mhux *grease* kif jghid l-attur.  In effett huwa jghid li l-attur zelaq f’dawn il-*washers*. Dan l-istess xhud izid jghid li dak il-hin tal-incident huwa ma jafx fejn kien Micallef. Qal ukoll li fix-xoghol taghhom huma effettivament juzaw skorfini, *washers* u tornaviti u qal li effettivament ma jafx minn fejn gew il-*washers* li kienu qeghdin ma’ l-art. Dan ix-xhud ikkonferma li kienet funzjoni tal-attur li jara li ma jkunx hemm oggetti ma’ l-art. In vista ta’ dan kollu ma jistax jinghad li dak li qal dan ix-hud hu konklussiv sabiex jigi stabbilit dak li fil-fatt gara;

“Inoltre jirrizulta li ezatt wara l-incident l-attur fl-ebda hin ma ghamel allegazzjoni li l-incident sehh minhabba n-negligenza ta’ xi hadd. Huwa ma allegax li kien waqa’ minhabba xi *grease* jew xi *washers* li kienu mal-art. Lanqas ma hu zgur li l-attur kien libes is-*safety shoes* fil-hin tal-incident. Fir-rapport li sar lill-assiguraturi u li sar fuq dak li qal l-attur dwar l-incident ma giex indikat li l-attur waqa’ minhabba negligenza ta’ xi haddiehor. Jirrizulta

inoltre li l-attur thallas tal-ispejjez li kien qed isostni li ghamel in konnessjoni mal-incident. Dawn thallsu mill-assigurazzjoni u jidher li l-attur ha hafna aktar minn dawn l-ispejjez. Jirrizulta wkoll li l-attur baqa' dejjem jithallas il-paga tieghu shiha anke meta l-istess attur kien imwegga b'idu fil-gibs;

"Barra minn hekk da parti tieghu l-konvenut Noel Micallef ikkonferma li x-xoghol li kien qed jaghmel kien jinvolvi zebgha u xkatlar, u ma kienx jinvolvi *grease*. Huwa kkonferma ukoll li fl-ebda hin ma waqghulu xi zjut mal-art;

"Lanqas ma jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet b'xi mod responsabbli ghall-incident in kwistjoni. Ma jirrizultax sufficentement pruvat li s-socjeta` knvenuta ma haditx hsieb li l-post tax-xoghol ikun nieqes mill-perikoli ghall-inkolumita` tal-haddiema. Lanqas ma jirrizulta li s-socjeta` konvenuta ma haditx hsieb li jsir tindif sewwa tal-fabbrika. F'dan ir-rigward kif gia` gie rilevat kien l-attur stess li kien responsabbli li ma jkux hemm perikoli ghall-haddiem u li l-post ikun nadif;

"Fid-dawl ta' dan kollu l-eccezzjonijiet tal-konvenuti ghandhom jigu akkolti. Mill-banda l-ohra t-talbiet attrici ma jirrizultawx sufficentement pruvati u ghalhekk dawn l-istess talbiet ghandhom jigu rigettati;"

Rat ir-rikors tal-appell tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka u thassar is-sentenza tal-ewwel Qorti billi tilqa' t-talbiet maghmulha minnhu u tichad l-eccezzjonijiet mressqa miz-zewg konvenuti appellati, u dan bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellati;

Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenut Noel Micallef li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-attur appellant, u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant;

Rat ir-risposta tal-appell tas-socjeta` konvenuta SM (Cables) Limited li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha

premessi, talbet lil din il-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-attur appellanti u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant;

Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-1 ta' April, 2009;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi f'din il-kawza l-attur, li kien jahdem bhala *production Manager* mad-ditta konvenuta, f'gurnata minnhom zelaq fuq l-art tal-fabbrika, waqa' u wegga' l-polz tax-xellug. Hu gie certifikat li baqa' jbati minn dizabbilita` permanenti ta' 3%. L-attur allega li zelaq peress li fl-art kien hemm *grease* li thalla hemm minn Noel Micallef, iben sid il-fabbrika, li kien qed jaghmel xoghol mhux relatat max-xoghol tal-fabbrika. Hu talab li kemm dan Noel Micallef, kif ukoll il-kumpanija li maghha kien jahdem, jinstabu responsabbli ghall-akkadut: tal-ewwel peress li kien responsabbli ghall-istat li kienet tinsab l-art tal-fabbrika, u l-kumpanija peress li, bhala l-*employer* tieghu, naqset milli tassigura li s-sit fejn kellu jahdem kien dejjem *safe* ghall-haddiema taghha.

L-ewwel Qorti, wara li semghet il-provi, cahdet it-talbiet attrici wara li qieset li ma rrizultalhiex li fl-art fejn zelaq kien hemm xi *grease*, u l-incident sehh ghax l-attur kien qed jigri minn magna ghall-ohra u waqa' minhabba accident. L-attur appella u baqa' jinsisti li dak li gara ma kienx semplici accident, izda b'rizultat ta' nuqqasijiet tal-konvenuti.

Din il-Qorti tara li din il-kawza ddur fuq apprezzament tal-fatti kif migjuba quddiem il-Qorti mill-partijiet, u wara li ezaminat l-istess provi ma tarax li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-fatti. L-attur kien *production Manager* u, milli jirrizulta, kien parti minn xogholu "li jara li ma jkunx hemm oggetti ma' l-art, u li l-ghodda jkunu f'posthom" (ara xhieda ta' Andrea Zammit). Hu minnu li kull *emplyer* ghandu obbligu li jipprovdi *"a safe system of*

*work"* ghall-impjegati tieghu. Pero`, ghal dan il-ghan, hu mistenni li jitqabbdu persuni b'dan l-impenn, u jekk dawk l-istess persuni jwegghu fuq ix-xoghol ghax huma stess ikunu naqsu milli jaraw li s-sit ikun dejjem *safe*, ma jistax jinzamm responsabbli min ihaddem. F'dan il-kaz, ix-xhud Andrea Zammit, li ra l-incident, xehed li l-attur zelaq fuq xi skorfini jew *washers* li kien hemm fl-art, pero`, ma jafx kif waslu hemm. L-attur, da parti tieghu, jammetti li gieli jaqghu xi *washers* jew bocci zghar fl-art, pero` - forsi ghax jaf li kien parti minn xogholu li jara li dawn ma jibqghux fl-art – jichad li waqa' fuq xi *washers*, u jinsisti li zelaq fuq xi *grease* li Noel Micallef waqqa' fl-art. Andrea Zammit ma jghidx li ra *grease* mal-art, u Noel Micallef cahad kategorikament li hu waqqa' xi zjut jew *grease* mal-art. L-attur jghid ukoll li Noel Micallef kien qed jahdem fuq *trailer* privat tieghu, izda l-istess Noel Micallef u Andrea Zammit xehedu li tal-ewwel kien qed jahdem fuq magna tal-fabbrika fuq struzzjonijiet tal-attur.

Fid-dawl ta' dawna d-diskrepanzi, din il-Qorti ma tarax li l-ewwel Qorti, ghamlet apprezzament hazin tal-fatti. Il-thaddim u l-manutenzjoni tal-magni kienu repsonsabbilta` tal-attur, u dakinhar tal-incident kien, bhas-soltu, qed isegwi l-andament tal-produzzjoni. F'hin minnhom, waqfet magna u l-attur mar b'pass mghagel lejha biex jara' x'gara. Hu zelaq, pero`, fuq xhiex u ghaliex ma jirrizultax sodisfacentement pruvat. Kwindi, ma jirrizultax in-ness ta' kawza u effett bejn l-incident u xi nuqqas tal-konvenuti, u din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, ma tistax tasal biex titfa' r-responsabbilta` ta' dak li gara fuq il-konvenuti, aktar u aktar meta tqis li l-attur dam diversi granet (kwazi xahar) qabel ma allega li dak li gralu kien tort tal-konvenuti jew xi hadd minnhom. Din il-Qorti tfakkar li l-attur kellu posizzjoni ta' responsabbilita` fil-kumpanija, u ghalhekk hu mistenni li hu juri aktar attenzjoni u kura fil-esekuzzjoni ta' dmirijietu (ara **Sciberras v. Borg Cardona**, deciza minn din il-Qorti fis-16 ta' Gunju, 1998).

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-attur billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess attur appellant.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------